MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 121/2009

Cyril Edwin Buckland (Id.19714A) u Christine Buckland (ID. 19713A).

Vs

Martin Abdilla (Id. 715253M) u Angela Abdilla (Id. 52255M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qedin jitolbu minghand il-konvenuti, l-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u hamsa u tmenin Ewro u sitta u disghin centezmu (€1685.96) minhabba danni u hsarat ikkagunati minn perkolazzjoni ta' ilma li gej mill-fond sovrastanti l-proprjeta' tal-atturi kif jirrizulta mill-anness rapport tal-Perit Arkitett Kenneth Zammit Endrich datat Marzu 2008; illi sabiex jigu rrangati l-hsarat fil-fond ta' l-atturi huma kellhom jhallsu *plumber* l-ammont ta' €1591.82 inkluz VAT kif jirrizulta mill-anness dokument maghmul minn Anthony D'Anastasi. Illi ghaldaqstant l-atturi kellhom bilfors

jintavolaw din il-kawza sabiex jirkupraw id-danni taghhom li jammontaw ghal €1591.82, inkluz VAT, spejjes u drittijiet tal-plumber Anthony D'Anastasi u €94.14 inkluz VAT, spejjes u drittijiet ghar-rapport tal-perit Zammit Endrich.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi 1. preliminarjament l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap, 16 tal-Ligijeit ta' Malta; 2. illi l-konvenuti m'humiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi stante illi m'hemm l-ebda perkolazzjoni ta' ilma mill-appartament taghhom ghal gol-appartament tal-atturi, kif jista' jigi accertat permezz ta' periti nominandi; 3. illi l-istima ta' Anthony D'Anastasi tirreferi ghal spejjes strutturali u mhux ta' *plumbing* u in ogni caso hija eccessiva; 4. illi l-ebda perit inkarigat mill-atturi qatt ma spezzjona l-appartament tal-konvenuti sabiex jivverifika hemmx perkolazzjoni ta' ilma o meno; Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Ra l-kontro talba tal-konvenuti fejn talbu illi dan it-Tribunal jikkundanna l-atturi jhallsuhom ammont li ma jeccedix €3494.06, bhala likwidazzjoni tad-danni sofferti minnhom b'rizultat tal-perkolazzjoni ta' ilma mill-appartament tal-atturi ghal gol-garage tal-konvenuti sottopost ghall-istess.

Ra l-verbal tat-22 ta' April 2009, fejn l-atturi rrilevaw illi r-risposta tal-konvenuti saret '*fuori terminu'* u ghalhekk talbu l-isfilz ta' l-istess.

Ra n-nota ta' referenzi tal-konvenuti fir-rigward tat-talba tal-atturi ghall-isfilz tar-risposta taghhom.

Ra n-nota responsiva tal-atturi.

Fic-cirkostanzi wara li ha konjizzjoni tas-sentenzi msemmija fin-nota ta' referenzi tal-konvenuti u tal-kontenut tal-istess, t-Tribunal jidhirlu li r-risposta tal-konvenuti hija wahda valida u m'ghandhiex tigi sfilzata, u ghalhekk l-kawza ghandha tkompli bl-andament taghha.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------